MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 83/2004/2

**Ronnie u Diane konjugi Grima**

**v.**

1. **Chairman Korporazzjoni Enemalta**
2. **White Brothers Limited**
3. **Polidano Service Station and Plant Hire Limited**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezentaw l-atturi fit-2 ta’ Frar, 2004, li jaqra hekk:
“Premess illi l-attur huwa impjegat fi hdan il-Korporazzjoni Enemalta; u

“Premess illi f’incident li sehh fl-24 ta’ Lulju 2002 fuq il-post tax-xoghol, u dan waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu li b’konsegwenza taghhom tilef ix-xoghol u sofra debilita’ permanenti li giet stabbilita mill-espert ortopediku Professur Carmel Sciberras; u

“Premess illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huma unikament responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom, minhabba li naqsu li jiehdu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

“Premess illi ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

“1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli ghall-incident li sehh fl-24 ta’ Lulju 2002 waqt il-hin tax-xoghol, f’liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu.

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza tal-imsemmi incident, okkorrendo bl-opera ta’ Periti nominandi.

“3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom ihallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

“Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra interpellatorja datata 19 ta’ Gunju 2003 u tal-ittra ufficjali datata 7 ta’ Novembru 2003, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta li in forza taghha eccepiet:

“1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni Enemalta huma nfondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-Korporazzjoni konvenuta mhijiex assolutament responsabbli ghall-incident riferit li sehh unikament minhabba t-traskuragni, non kuranza u nuqqas ta’ attenzjoni u prudenza ta’ White Brothers Limited u ta’ Polidano Service Station and Plant Hire Limited;

“2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta White Brothers Limited li in forza taghha eccepiet:
“1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi s-socjeta` konvenuta eccipjenti bl-ebda mod ma tahti ghall-incident in kwistjoni stante illi l-incident ma sehhx minhabba xi tort imputabbli ghaliha, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“2. Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta eccipjenti m’ghandiex thallas ebda danni.

“3. Illi, *subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess*, il-korriment u d-dizabilita` permanenti tal-attur Ronnie Grima jridu jigu ppruvati kemm fihom infushom u anke ghal dik li jirrigwarda l-konsegwenzjalita` taghhom ghal xi agir jew nuqqas tas-socjeta` konvenuta eccipjenti.

“4. Illi *subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess*, is-socjeta` konvenuta eccipjenti ma ghamlet xejn biex tipperikola sahhet l-attur Ronnie Grima u ma kissret ebda regolament u/jew prassi li permezz tal-istess tista’ titqies li hija kolpevoli;

“5. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Polidano Service Station and Plant Hire Limited li in forza taghha eccepiet:
“Preliminarjament il-fatt illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti stante li s-

socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Limited bl-ebda mod ma tista' tinzamm responsabbli ghall-incident in kwistjoni peress illi l-ebda negligenza ma tista' tigi attribwita lilha, anzi kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza s-socjeta` eccipjenti dejjem agixxiet bil-prudenza u bid-diligenza rikjesta mill-ligi.

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur Ronnie Grima huwa wkoll in parti responsabbli ghall-incident in kwistjoni stante li meta sehh l-incident kien qieghed f'post u kien qieghed jizvolgi attivita' li ma kienx suppost qed jaghmel,

"Illi l-attrici Diane Grima m'ghandiex locus standi f'dawn il-proceduri.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Lulju, 2009, li in forza taghha iddecidiet il-kawza billi:
"Tillibera lill-Korporazzjoni konvenuta Enemalta mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghall-istess Korporazzjoni;

"Tiddikjara lill-konvenuti l-ohra responsabbili ghall-incident li sehh fl-24 ta' Lulju 2002 li fih korra l-attur Ronnie Grima u dana kwantu ghal zewg terzi ghall-konvenuti Polidano Service Station and Plant Hire Limited u kwantu ghal terz ghall-konvenuti White Brothers Limited;

"Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' l-imsemmi ncident, fl-ammont ta' Euro 124,528.30.

"Tikkundanna lill-konvenuti msemmija solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi dik is-somma hekk likwidata.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti kwantu ghal zewg terzi ghall-konvenuti Polidano Service Station and Plant Hire Limited u terz ghal White Brothers Limited.

"Bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi l-konvenuti White Brothers Limited kienu gew imqabbda mill-Korporazzjoni konvenuta Enemalta sabiex iwasslu transformer mill-Power Station ghall-isptar Mater Dei u jpogguh f'kamra taht id-direzzjoni ta' l-istess Korporazzjoni. L-attur Ronnie Grima u haddiema ohra tal-Korporazzjoni kienu nkarigati jaraw li t-transformer jitpogga f'postu minghajr ma ssirlu hsara. Haddiem tal-White Brothers kien qed jiggwida l-crane li kien qed jigi operat minn Paul Polidano mqabbad minnhom. Gara li meta t-transformer twassal fejn il-kamra fejn kellu jitqieghed u kien in parte dahal fil-kamra u qieghed kwazi kollu ma' l-art, inqata' cable tal-crane li minnu kien sospiz it-transformer, u l-attur, li kien ma ohrajn vicin it-transformer, intlaqat mill-cable li nqata' bil-konsegwenza li hu sofra debilita' permanenti fuq il-persuna tieghu.

"**Kontestazzjoni**

"L-attur sostna li hu qeda dmiru bil-galbu u bir-reqqa u skond l-istruzzjonijiet li nghata mill-Korporazzjoni u ghalhekk l-incident ma sehhx htija tieghu u lanqas ma kkontribwixxa ghall-incident b'xi ommissjoni min-naha tieghu. Kienu l-konvenuti flimkien li naqsu fil-konfront tieghu u ghalhekk ghandhom iwiegbu solidalment bejniethom. Il-htija taghhom tirrizulta mhux biss mid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Civili imma anke mid-disposizzjonijiet partikolari tal-ligijiet dwar is-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol. L-Enemalta bhala l-employer tieghu u l-konvenuti l-ohra bhala l-operaturi inkarigati, kellhom id-dover u l-obbligu li jiehdu dawn il-prekawzjonijiet ragjonevoli kollha sabiex iharsu s-sikurezza u s-sahha tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol minn dawk ir-riskji inerenti u normali fil-kors tax-xoghol.

"Il-konvenuta Korporazzjoni Enemalta ssottomettiet li l-incident sehh billi nqata' l-cable tal-crane pprovvdut mis-socjeta Polidano Plant Hire Ltd. Dawn naqsu milli jiccertifikaw l-crane li kienu se juzaw f'dina l-operazzjoni delikata u perikoluza. Il-konvenuti White Brothers ukoll flimkien ma' Polidano Plant Hire Ltd. kienu responsabbili

ghall-loading u unloading tat-transformer u l-Korporazzjoni kienet involuta biss fl-ahhar stadju ta' l-operazzjoni biex tassigura li t-transformer jitpogga f'postu minghajr ma ssirlu hsara. Il-haddiema tal-Korporazzjoni li gew inkarigati ghal dana l-iskop kienu pprovvduti bl-apparat ta' sigurta' necessarju biex isir dan ix-xoghol.

"Il-konvenuti White Brothers isostnu li l-atturi ma gabu ebda prova li b'xi mod huma ma uzawx il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja jew li huma qabbdu lill-konvenuti l-ohra Polidano meta dawn ma kienux ta' hila. Huma jirritjenu li l-Korporazzjoni Enemalta kkontribwiet ghall-incident billi apparti l-obbligi statutorji taghha bhala employer ta' l-attur, halliet lill-istess attur u haddiema ohra taghha jiehdu parti fl-operazzjoni ta' unloading u handling tat-trasformer meta dina l-operazzjoni suppost kienet f'idejhom biss. Il-konvenuti White Borthers jirritjenu li l-kawza prossima tal-qtugh tal-wire kien il-wear and tear tas sheave fil-crane.

"Fl-ahharnett il-konvenuti Polidano Plant Hire Ltd. jissottomettu li l-incident ma garax tort taghhom. Huma jghidu li ma kienx hemm bzonn li l-attur ikun prezenti hdejn it-transformer meta dan kien qed jigi merfugh mill-crane. Huma jirritjenu li bl-ebda mod ma jirrizulta li l-incident sehh minhabba xi difett fil-crane imma sehh unikament ghax il-wire qabez minn fuq ix-sheave, gie jhokk mal-hadid, u l-wire ma kellux radius bizzejjed biex idur u nqata'.

"**Konsiderazzjonijiet**

"<u>Responsabilita' ta' l-attur</u>

"Haddiem ghandu dejjem l-obbligu li jhares is-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll ta' dawk il-persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed jaghmel u dan dejjem safejn hu ragjonevolment mistenni.

"L-attur xehed li dakinhar ta' l-incident hu kien xoghol post iehor u wasal f'Mater Dei meta l-operazzjoni kienet fl-ahhar fazi taghha cjoe' meta t-transformer kien ser

jiddahhal fil-*loading bay*. Xogholhom kien li jdahhlu l-*vibration covers*, jiehdu hsieb il-*cap changers*, il-*valves* u jzommu t-transformer allinejat biex ma ssirlux hsara. Hu kien in kuntatt ma’ l-imghallem tieghu Charles Said li kien prezenti wkoll dak il-hin ta’ l-incident u kien qed jaghti ndikjazzjonijiet lill Jimmy Ciantar tal-White Brothers fejn kellu jitqieghed it-transformer. Minn naha tieghu Jimmy Ciantar kien qed jidderigi l-operatur tal-crane kif jimmanuvra l-crane. L-attur spjega li meta t-transformer kien intrefa fl-arja cjoe’ meta gie imdendel, hu ma kienx prezenti, u kien prezenti biss meta t-transformer tnizzel kwazi ghal kollox ma’ l-art biex jiddahhal gol-kamra fuq ir-rollers. Meta kien se jiddahhal fil-kamra, it-transformer tgholla kemm kemm mill-art biex jiddahhlu r-rollers tahtu fuq quddiem. Imbaghad kellhom idahhlu r-rollers fuq wara. (ara Dok. RG1 a fol. 30). F’daqqa u l-hin hu ntilef min sensih u ma jafx x’gara aktar. Wara sar jaf min-nies li l-cable li kien qed iqandel it-transformer minn wara b’xi mod inqata’ (Ara Dok. RG2 u 3 a fol. 31 u 32) u parti mill-makkinarju tal-crane waqa’ u ntlaqat (Ara Dok. RG4 u RG6).

“Il-konvenuti White Brothers isostnu li dina l-operazzjoni kienet f’idejhom u ma kienx hemm bzonn tal-presenza tal-haddiema ta’ l-Enemalta, fosthom l-attur u ghalhekk jekk xi hadd minnhom korra ma kienx tort taghhom.

“Fir-rigward ta’ l-attur il-Qorti hi tal-fehma li dan ma kellu ebda tort ghall-akkadut u lanqas ma kkontribwixxa ghalih. Hu ma kienx prezenti meta t-transformer gie mgholli mill-art u ccaqqlaq minn post ghall-iehor u kien prezenti biss fl-ahhar fazi meta t-transformer kien kwazi kollu ma’ l-art lest biex jiddahhal fil-kamra. Hu kien inghata struzzjonijiet mis-superjuri tieghu biex ikun prezenti fl-ahhar fazi billi x-xoghol taghhom kien appuntu dan li jaraw li t-transformer jidhol minghajr hsara fil-kamra, billi wahdu ma setghax jidhol. L-attur kien liebes l-apparat tas-safety kollu komplut, u dan kien jinkludi helmet, safety shoes u gakketta u fil-fatt mn’alla kien ghalihom ghax il-konsegwenzi kienu jkunu hafna aktar serji.

“<u>Responsabilita’ tal-Korporazzjoni Enemalta</u>

"Kwantu ghar-relazzjoni bejn il-konvenuti Korporazzjoni Enemalta u l-attur, l-impjegat maghhom, l-obbligu ta' min ihaddem hu li jipprovvdi "*a safe system of work*" u "*a safe working environment*", u supervizjoni u adegwatezza ta' l-atrezzi pprovvduti. Hu ghandu jizgura li l-post tax-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu ragjonevolment evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-haddiema. Dan jinvolvi wkoll li min ihaddem jiehu in konsiderazzjoni l-atmosfera fil-post tax-xoghol, fosthom id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, l-aljenazzjoni tal-haddiem stess, u n-nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol. Avolja jista' jkun hemm grad ta' negligenza mill-haddiem stess, is-sid irid, fi grad jew iehor, jirrispondi ghad-danni li jirrizultaw minhabba nuqqas tieghu f'dan ir-rigward (ara sentenza **Kummerc: Schembri v. Caruana** 12/1/1983).

"Skond il-Korporazzjoni Enemalta l-appalt biex t-transformer jingarr mill-Power Station ghal isptar Mater Dei kien inghata lill-kuntrattur White Brothers, li minn naha taghhom ghamlu sub-contracting lill-Salvu Meli & Sons u lill-Polidano Plant Hire Ltd. Meta t-transformer ittella' fl-arja, il-Korporazzjoni kienet ordnat lill-haddiema taghha u persuni ohra li kienu prezenti biex iwarrbu. Imbaghad meta t-transformer gie biex jitqieghed f'postu u jiddahhal fil-*loading bay,* haddiema taghha dahlu fil-kamra biex jaraw li t-transformer ma jiehux skossi jew briex u jigi allinejat fil-posizzjoni kif fthemu l-gurnata ta' qabel. Dak il-hin it-transformer minn quddiem kien diga ma' l-art fuq ir-rollers u l-parti ta' wara kienet daqsxejn maqluha ftit centimetri mill-art biex idahhlu r-rollers tahtu, meta nstema' hoss u waqa' xi haga mill-crane, u wara ftit, inqata l-cable tal-crane li gie fuqhom u laqat xi haddiema ta' l-Enemalta, l-aktar lill-attur.

"Il-Korporazzjoni ssostni li waqt dina l-operazzjoni huma kienu ssorveljaw il-haddiema taghhom u meta t-transformer gie mgholli huma warrbu n-nies. Kien biss meta t-transformer kien kwazi kollu ma l-art u ma kienx

hemm aktar perikolu apparenti li huma marru biex jiggwidaw lil ta’ White Brothers dwar fejn kellu jitpogga t-transformer. Huma bl-ebda mod ma ndahhlu fl-operazzjoni tal-kuntrattur li kellu jiddeciedi hu kif kellu jidahhal it-transformer f’postu. Dan it-transformer kien ta’ certa kobor u importanza ghalhekk il-Korporazzjoni kienet qabdet entitajiet kompetenti u b’esperjenza vasta (bhal ma huma l-konvenuti White Brothers) sabiex jittrasportaw dana t-transformer u jwassluh l-isptar minghajr hsara. Il-haddiema taghha kellhom bil-fors ikunu prezenti fl-ahhar stadju ta’ l-operazzjoni billi minghajr il-presenza taghhom dan l-esercizzju ma setghax jigi kompletat kif suppost. Huma pprezentaw diversi rivisti dwar operazzjonijiet simili biex juru li l-esercizzju li ghamlu kien simili jekk mhux identiku ghal dak indikat f’dawn ir-rivisti, liema procedura hi segwita fid-dinja kollha (ara Dok. GS1 a fol. 342 et seq u d-dokumenti l-ohra ezibiti). Il-Korporazzjoni konvenuta inoltre pprovvdiet lill-haddiem taghha bl-appart komplut tas-safety inkluz, helmet, safety boots, u ggieket, u dana skond il-ligi u ma kellha ebda kontroll fuq il-funzjonament tal-crane.

“Il-Qorti hi tal-fehma ghalhekk li f’dan l-incident l-Korporazzjoni ma kelliex tort u lanqas ikkontribwiet ghalih, billi hija kkuntrattat nies ta’ esperjenza wara offerta biex jaghmlu dana x-xoghol u ma kienitx l-ewwel darba li dan il-kuntratt ghamel xoghol simili. Il-Korporazzjoni hadet dawk il-prekawzjonijiet ragjonevoli fic-cirkostanzi biex ix-xoghol isir minghajr perikolu u qabbdet nies tal-mestier u ma kienx prevedibbili ghaliha li kien se jigri dak li fil-fatt gara u meta u kif gara.

“<u>Responsabbilita’ tal-konvenuti White Brothers</u>

“Is-socjetà konvenuta White Brothers tghid li l-attur ma kienx impjegat maghha meta sehh l-incident, u ghaldaqstant id-dispozizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw id-dmirijiet li min ihaddem ghandu lejn dawk li jahdmu mieghu ma jghoddux ghaliha.

“Il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-attur ma kienx impjegat mas-socjeta` konvenuta dan ma jfissirx b’daqshekk illi din

is-socjetà konvenuta hija awtomatikament mehlusa minn kull responsabbiltà ghall-incidenti li setghu jinqalghu fuq il-post tax-xoghol waqt li kien qed jigi esegwit l-appalt moghti lilhom. F’dan il-kaz ma kienx hemm biss ir-responsabbilita’ li tqum minn relazzjoni ta’ bejn haddiem u min ihaddmu imma responsabbilita’ ta’ min jesegwixxi xoghol li jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina incidenti jew, ghallinqas, inaqqas il-perikoli. Trid tinzamm distinzjoni bejn kwistjoni li tqum bhala rizultat dirett ta’ l-esekuzzjoni ta’ l-appalt u l-responsabbilita’ ghad-danni konsegwenzjali ghall-agir kwazi-delittwuz ta’ min qed jesegwixxi l-appalt.

“Fil-kaz in ezami l-Korporazzjoni Enemalta kienet tat l-appalt lill-White Brothers u dawn min-naha taghhom kienu ghamlu sub-contracting ghal garr tat-transformer lil Salvu Meli  u krew l-crane minghand Polidano Plant Hire Ltd. Kuntrattur li jindahal ghal bicca xoghol ghandhu jkollu l-kapacita’ teknika mehtiega biex jaghmel ix-xoghol li gie mqabbad jaghmel u meta x-xoghol jigi esegwit hazin minnu hu responsabbili ghad-dannu li jigi kkagjonat minn dik l-esekuzzjoni hazin u l-kuntrattur ma jistax jehles mir-responsabbilita’ billi jghid li hu  qabbad lill-haddiehor biex jaghmel ix-xoghol li gie kkuntrattat lilu. Inoltre la darba bejn il-Korporazzjoni Enemalta u White Brothers kien hemm din ir-rabta kontrattwali ma tqumx il-htiega tal-prova ta’ culpa in eligendo tan-nies li White Brothers qabbdu.

“Fil-kaz in ezami White Brothers kienu l-kuntrattur inkarigat biex jittrasporta u jpoggi t-transformer gewwa l-kamra maghmula apposta ghalih f’Mater Dei. Xoghol tal-White Brothers kien mhux biss li jittrasporta t-transformer imma kien responsabbili wkoll li jissorvelja li dina l-operazzjoni kollha ssir minghajr perikolu ghall-haddiema u hsara ghat-transformer. Jimmy Ciantar kien il-persuna inkarigata taghti l-istruzzjonijiet lil Paul Polidano, li kien qed jopera l-crane, biex ipoggi t-transformer f’postu.  Il-kommunikazzjoni bejn Jimmy Ciantar u Polidano kienet permezz ta’ radios u sinjali billi huma setghu wkoll jaraw lil xulxin.  Il-kuntratt kien tal-White Brothers u ghalhekk huma kienu responsabbili li jesegwuh b’success anke jekk issubkontrattawh in parte lil haddiehor.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li meta l-konvenuti White Brothers Limited qabbdu lill-Polidano Plant Hire Limited bhala subcontractors taghhom huma ma vverifikawx dwar il-funzjonabilita' u certifikazzjoni tal-crane u lanqas ma ghamlu risk assessment biex jaccertaw ruhhom li x-xoghol jista' jsir minghajr hsara. Huma jghidu li kellhom mohhom mistrieh ghax kienu jafu l-inginier li qabel kien iccertifika il-crane (ara xhieda ta' M. Ciantar). Illi fil-fehma tal-Qorti li kieku ntalbet u saret ic-certifikazzjoni tal-crane u sar ir-risk assessment kif semma l-inginier Paul Cardona qabel, u mhux wara l-incident, il-problemi antecedenti tal-crane probabilment kienu jigu identifikati u rettifikati minn qabel.

"<u>Responsabbilita' tal-konvenut Polidano Plant Hire Ltd.</u>

"Skond il-konvenuti Polidano Plant Hire Ltd., huma m'ghandhom l-ebda tort ghall-incident billi skond l-Inginier Paul Cardona l-incident gara ghax il-cable qabez minn fuq ix-sheave meta l-ganc tnizzel izzejjed. Il-wire imbaghad beda jahbat mal-hadid tal-crane u mas-shaft u nqata'. Polidano jghid li ma kienx f'posizzjoni li jkun jaf jekk il-ganc kienx tnizzel wisq jew le. Hu kien qed isegwi dak li kien qed ighidlu Jimmy Ciantar tal-White Brothers li kien faccata tal-crane u ma setghax jara jekk il-cable kienx qabez ix-sheave. Ghalhekk isostni li ma jistax jinzamm responsabbili ghall-akkadut.

"Il-Qorti ma taqbel xejn ma dana r-ragunament. Ibda biex dak li gie kkwotat li qal Paul Cardona jrid jittiehed fil-kuntest tal-fatt li dan kien gie imqabbad biss minn Polidano biex jiccertifika l-crane ghax ic-certifikat li kellhu kien skadut. Kif qal Cardona stess hu ma kienx gie imqabbad biex jittestja l-crane jew biex jara x'ikkaguna l-incident imma biex johrog certifikat, li hu lesta f'ghaxar minuti.

"Dak li qal Cardona dwar kif setgha gara l-incident huwa fil-maggjor parti tieghu supposizzjonijiet billi dakinhar hu ma kienx prezenti meta gara l-incident u lanqas ma kien ittestja l-crane qabel bdiet l-operazzjoni. Hu wasal ghall-

konkluzzjoni tieghu fuq dak li soltu jigri f'kazijiet bhal dawn u mhux ghax fil-fatt ra x'gara. Hu kkonferma pero' li hu dover u obbligu ta' min jopera crane li jara li l-affarijiet fil-crane jkunu kollhom f'posthom qabel jibda juza l-istess crane. Kien dover ta' Polidano li jara li kollox kien *in place* u jara li l-wire ma jkunx qabez ix-sheave qabel jibda jerfa'. Polidano kellu jara li l-*wires* ikunu kollha fejn suppost qeghdin (ara fol. 224).

"Tajjeb hawnhekk li l-Qorti tirriproduci parti mill-osservazzjonijiet li ghamel it-tekniku Paul Cardona f'dan ir-rigward billi jkomplu jsahhu l-konvinciment ta' dina l-Qorti dwar it-tort ta' Polidano. A fol. 224 Paul Cardona ighid hekk:

"*Il-problema hija wahda, iva kulhadd ghandu jara illi kollox qieghed f'postu qabel ma tibda ... il-problema li ghandna f'dan ir-rahal, li nsejhulu pajjiz halli nghid hekk, illi m'hawnx, lanqas biss ghandek, testijiet, mill-Health and Safety, … illi min isuq crane, tittestjah, ticcertifikah, m'ghandek xejn, m'hawnx regoli, m'ghandna xejn in place, halli min qed isuq crane ikun ittrejnjat illi jsuq dak it-tip ta' crane, jigi mghallem kif jaghmel risk assessment qabel ma jibda – xejn u dan b'hekk qed jigru l-incidenti f'Malta. Illi d-dmir ta' min ihaddem crane illi jaghmel dawn l-affarijiet ... F'pajjizi aktar civilizzati minnha ghandek illi qabel jaghmel lift ghandhom card f'idejhom illi jaghmlu risk assessment bil-crane driver, mghallem jaghmel risk assessment ta' kull lift li se jaghmel, anke jekk tkun multiple lift, jiccekkja u meta jkun konvint li tajjeb, jahdem ix-xoghol. Ahna m'ghandna xejn minn dana.*"

"Jirrizulta mill-provi (ara xhieda tal-haddiema ta' l-Enemalta) li qabel ma tqaccat il-cable kien instemgha hoss u waqghu xi bicciet tal-hadid mill-crane u ftit wara inqata' l-cable u waqa' qiesu frosta u skond Jimmy Ciantar, dawn kienu qishom sriep nezlin mis-sema (ara fol. 238).

"Anke Paul Polidano a tempo vergine kien qal lis-Surgent li nvestiga l-incident li:

*It-transformer gie merfugh mill-crane u meta kien madwar ghoxrin centimetru maqtugh mill-art, smajna tfaqqiegha gejja minn naha tal-pulley, izda kif indunajna u gejna biex inserrhuh, inqata l-cable tal-crane. Il-wire tal-crane u bicca mill-limit switch indicator panel waqghu fuq Ronnie Grima.*

"Jidher li l-ewwel nqasam ix-sheave, meta nstemghet it-tfaqqiegha u waqa' l-hadid mill-crane,  imqabbad meta komplew iserrhu t-transformer, inqata' l-cable li kien beda jhakkek mal-crane.

"Skond l-ingineer mekkaniku Jesmond Silvio, li gie mqabbad minn Polidano biex jaghmel it-testijiet fuq il-crane, wara l-incident (ara fol. 162), dan ighid li dak li gara kien li wahda mix-sheaves inkisret. Hu jghid li biex tinkiser sheave jista' jkun hemm *combination* ta' *wear and tear* kif ukoll *overloading.*  Irrizultalu li x-sheave li nkisret kellha l-akbar *wear and tear* (ara fol. 200). Kien hemm sheave ohra fuq il-crane li kellha inqas *wear and tear* u kien hemm ohra li kienet *in between*. Jahseb li probabilment kienet qed tintuza x-sheave li inkisret u x-sheave li inkisret kienet l-aktar wahda li kellha *wear and tear*. Hu jghid li sakemm ix-sheave tkun ghada intatta l-wire mhux ser imiss mal-hadid imma jekk ix-sheave jinkiser, il-wire jispicca fuq is-shaft u jinqata'. Fl-opinjoni tieghu l-operator tal-crane permezz tas-*setting* taghha jiddetermina kemm ser ikun hemm stress fuq ix-sheaves, li jfisser li mhiex kwistjoni biss ta' *wear and tear* imma anke ta' *setting* tajjeb tal-crane biex ma tisstressjax ix-sheaves. Inoltre l-fatt li *load* idum sospiz ma taghmilx differenza.

"L-Inginier Cardona qabel li l-kwistjoni tal-piz, cjoe' kemm idum sospiz il-load ma taghmilx differenza billi l-crane jew ikun jiflah il-piz jew ma jkunx jifilhu. Jekk idum hames minuti jew jekk idum hames sighat mhux ser izzid il-piz. Mhiex kwistjoni relatata mal-hin (fol. 219).

"Dwar il-kwistjoni jekk dan il-crane kienx jiflah il-piz tat-transformer, Cardona kkonferma li l-crane kien jiflah aktar minn hekk. Hu jghid li wara l-incident kienu ghamlu *risk assessment* qabel jergghu jerfghu t-transformer li kien tqil 35 tons. Huma ttestjaw il-crane b'50 tons, b'aktar piz mit-

transformer, u bl-istess radius li kienu hadmu bih qabel l-incident, u ma sabu l-ebda problemi.

“Dan kollu jfisser ghalhekk li l-cable ma nqatax minhabba overloading jew ghax it-transformer dam hafna imdendel.

“Polidano xehed li fl-ahhar fazi hu gie mitlub minn Jimmy Ciantar biex idur bil-crane, u l-cable ma bediex jigbed dritt u ma jafx ghal liema raguni dan beda jigbed lagemba u faqqghet ix-sheave u l-cable gie hadid ma hadid u nqata’.

“Il-Qorti tirrileva li t-teknici li xehdu qalu li l-crane setgha jdur 360 degrees u saru testijiet fuqu u ma kienx hemm problemi minn dawk li semma Polidano. Il-Qorti ma tistax tifhem kif Polidano jghid li ra x-sheave tfaqqa’ u l-cable jahbat mal-hadid meta qabel kien qal li hu ma setghax jara l-cable u l-wire mill-kabina u ppretenda li kellu jarahom Jimmy Ciantar (ara fol. 233).

“Il-Qorti tifhem li jekk Polidano qed isostni li l-wire qabez mix-sheave ghax hu gie mgieghel idur fl-ahhar fazi minn Ciantar, jekk dana kellu jigi accettat, l-istess ma jnehhi xejn mir-responsabbilita’ tieghu, billi hu kien responsabbili tal-crane u tal-manuvrar tieghu.

“Il-Qorti tirrileva wkoll li Polidano lis-Surgent ma qallu xejn minn dana d-diskors li l-cable qabez ix-sheave. Lis-surgent qallu biss li sema’ *tfaqqiegha gejja min-naha tal-pulley.*

“Ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li fir-rigward tal-konvenut Polidano kieku l-crane gie ezaminat meta kellu jigi ezaminat, cjoe’ qabel l-operazzjoni (meta c-certifikat kien gja skadut) kieku kienu jinkixfu l-problemi li setgha kellu l-crane, specjalment jekk kien hemm *wear and tear* f’xi *sheave* partikolari. Dan ma jfissirx li l-Qorti qed tghid li l-incident gara ghax il-crane ma kienx certifikat imma li kieku sar it-test qabel l-operazzjoni kif suppost li kellu jsir kienu jigu identifikati l- mankanzi li setgha kellu l-crane. Il-konvenut Polidano kien responsabbili ghall-incident billi naqas milli jipprovvdi crane li kien fi stat tajjeb u funzjonabbili ghal xoghol li hu gie mqabbad jaghmel.

“**Danni**

“Bhala damnum emergens l-atturi qed jitolbu s-somma ta’ Euro 4,456.02 (ara prospett ezibit a fol. 40-48) liema somma ma gietx kontestata mill-konvenuti.

“Bhala Lucrum cessans l-atturi qed jippretendu s-somma ta’ Euro 126,835.00 u dana a bazi ta’ salarju b’dhul annwu fl-ammont ta’ Euro 11,647.00 fis-sena, ghal 33 sena (bhala multiplier) u b’percentagg ta’ debilita’ ta’ 33%. Dwar *lump sum payment* l-atturi sostnu li r-rata li ghandha tigi applikata ghandha tkun ta’ 15% billi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni ghaddew erba snin.

“Il-Qorti taqbel li tiehu bhala bazi ta’ salarju l-ammont ta’ Euro 11,647.00 fis-sena li bl-aggustament li jiehu kont taz-ziedit fl-gholi tal-hajja kif ukoll taz-ziedit fis-salarju, ghandu jammonta ghall Euro 13,976.24 (ara FSS minn 1998 sa 2003 fol. 125 sa 131).

“Dwar percentwali ta’ disabilita’, xehed Mr. C. Sciberras li kkonferma disabilita’ ta’ 33% (ara fol. 6 et seq). Hu jghid hekk: *Mr. Grima suffered a massive injury to his right elbow and forearm. The elbow is practically ankylosed and he has no supination/pronation of forearm. Mr. Grima will definitely have severe problems with finding employment as he is.* F’dan ir-rigward il-Qorti ma ntalbitx minn ebda parti biex tappunta espert mediku ha jezamina lill-attur u ghalhekk tifhem li l-partijiet qed jaccettaw id-debilita’ ccertifikata minn Mr. Sciberras.

“Skond l-I.D. ta’ l-attur dan twieled fl-1974 u ghalhekk fid-data ta’ l-incident li gara fis-sena 2002 huwa kellu 28 sena. Bhala multiplier il-Qorti, wara li qieset ic-*chances u c-changes of life* li jistghu jinqalghu fuq il-medda ta’ snin tal-hajja lavorativa ta’ l-attur, qed tapplika multiplier ta’ 30 sena.

"Il-kawza giet prezentata fl-2004 u din se tigi deciza wara hames snin. Ghalhekk bhala *lump sum deduction* il-Qorti se naqqas 10%[1].

"<u>Kalkolu</u>

"Euro 13,976.24 (Lm6,000) (media ta' paga bazi u ziedit) x 30 (snin ta' hajja lavorativa) x 33% (debilita' permanenti) x 10% (lump sum deduction) = Lm53,460 Euro 124,528.30."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tirrevoka s-sentenza fuq indnikata ta' din il-Qorti fl-Ewwel Istanza " tat-13 ta' Lulju 2009, billi tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-istess socjeta` konvenut appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti jew tal-konvenuti l-ohra."

Rat ir-Rikors tal-appell ta' White Brothers Ltd. li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"... … … filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2009 moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fejn l-ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-Korporazzjoni konvenuta Enemalta mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghall-istess Korporazzjoni; iddikjarat lill-konvenuti l-ohra responsabbli ghall-incident li sehh fl-24 ta' Lulju 2002 li fih korra l-attur appellat Ronnie Grima u dan kwantu ghal zewg terzi ghall-konvenuti Polidano Service Station and Plant Hire Limited u kwantu ghal terz ghas-socjeta` appellanti; u llikwidat id-danni sofferti mill-

[1] Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**" (P.A. (JSP) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995) intqal: *"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghall-'lump sum payment' il-Qorti, fl-iskorta ta' decizjonijiet ohra moghtija minnha kif presjeduta, jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghall-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perijodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

attur appellat b'konsegwenza tal-imsemmi incident, fl-ammont ta' Euro124,528.30, joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li minflok tikkundanna lis-socjeta` appellanti u lis-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Limtied ihallsu lill-atturi appellati dik is-somma hekk likwidata solidalment bejniethom, tikkundanna lis-socjeta` appellanti u lis-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Limited ihallsu lill-atturi appellati dik is-somma hekk likwidata, fi kwoti rispettivi ta' terz u ta' zewg terzi, u cioe` separatmanet (u mhux solidalment), bl-imghax legali mid-data tas-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti sad-data li fiha l-atturi appellati jircievu s-somma ta' EUR41,509.43 jew li jsir id-depozitu appozitu taht l-awtorita` tal-Qorti tal-istess somma, skont il-kaz u bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra l-atturi appellati."

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tichad l-appelli tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Lulju 2009 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Rat ir-risposta tal-appell ghal dak imressaq mis-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Ltd., u l-appell incidentali tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu, fl-ewwel lok, li l-appell tas-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. ghandu jigi respint bl-ispejjez, u, fit-tieni lok, li din il-Qorti joghgobha:
"… … … tilqa' dan l-appell incidentali u tirriforma s-sentenza appellata tat-13 ta' Lulju, 2009 moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet fuq premessi billi, filwaqt illi tikkonferma dawk il-partijiet tas-sentenza fejn gew michuda l-eccezzjonijiet tal-kumpaniji White Brothers Limited u Polidano Service Station and Plant Hire Limited u fejn l-istess kumpanniji gew misjuba responsabbli ghal-incident tal-24 ta' Lulju, 2002 u bhala korollarju l-istess gew ikkundannati *in solidum* sabiex ihallsu d-danni likwidati lill-atturi konjugi Grima, thassar u tirrevoka dik il-

parti tas-sentenza li permezz taghha intlaqghet l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta u minflok tghaddi sabiex tichad din l-istess eccezzjoni u, prevja li b'hekk ikunu gew michuda l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti appellati, tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fl-att promotur b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti kollha u *in solidum* biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' €124,528.30c jew dik is-somma li din l-Onorabbli Qorti terga' tikkomputa *in sede d'appello*, bl-imghax legali dekorribbli b'effett mit-13 ta' Lulju, 2009 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, kemm tal-ewwel istanza u kemm tal-prezenti istanza, internament a karigu tal-istess konvenuti.

"Daqstant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti konjugi Grima ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell."

Rat ir-risposta tal-appell tal-atturi ghal dak imressaq mis-socjeta` White Brothers Ltd. li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi:
"… … … il-gravam u d-diversi interpretazzjonijiet guridici tas-socjeta` appellanti White Brothers Limited ma jisthoqqilhomx jircievu favur u ghaldaqstant ghandhom jigu respinti *in toto*, bl-ispejjez kemm tal-ewwel istanza u kemm tal-prezenti istanza, interament a karigu tal-istess socjeta` appellanti."

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta ghall-appell incidentali tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tichad l-appell incidentali tal-konjugi Ronnie u Dianne Grima u tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civlili fit-13 ta' Lulju 2009."

Rat ir-risposta ta' White Brothers Ltd. ghall-appell incidentali tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-appellanti fil-konfront biss jew fil-konfront ukoll tal-Korporazzjoni Enemalta, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-istess Korporazzjoni Enemalta, u konsegwentement tikkundanna lill-istess

Korporazzjoni Enemalta taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-appellanti (salv konferma ta' dan minn dina l-Onorabbli Qorti) wahidha jew flimkien mas-socjeta` esponenti u s-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Limited, separatament (u mhux solidalment), bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti, fil-qosor, huma ben definiti fil-kawza, u l-kwistjoni l-aktar li ddur fuq min ghandu jerfa' r-responsabbilita` ghall-incident li fih korra l-attur. L-attur huwa impjegat tal-Korporazzjoni Enemalta, u, minn din il-Korporazzjoni, gie inkarigat sabiex, flimkien ma' haddiema ohra tal-istess Korporazzjoni, jissorvelja l-esekuzzjoni ta' kuntratt moghti mill-Korporazzjoni Enemalta lill-White Brothers Ltd. sabiex iwasslu transformer mill-power station ghall-isptar Mater Dei. Biex iwettqu dan l-inkarigu, is-socjeta` White Brothers Ltd. uzat crane ta' Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. Dak inhar tal-incident dan il-crane kien operat, minn Paul Polidano, ta' din is-socjeta`, izda kienu l-haddiema ta' White Brothers Ltd. li kienu qed jiggwidawh. Gara li meta t-transformer twassal fejn il-kamra fejn kellu jitqieghed u kien in parte dahal fil-kamra u tqieghed kwazi kollu mal-art, inqata' cable tal-crane li minnu kien sospiz it-transformer, u l-attur, li kien ma' ohrajn vicin it-transformer, intlaqat bil-cable li nqata', bil-konsegwenza li sofra disabbilita` personali ta' natura permanenti. It-tliet konvenuti jitfghu it-tort tal-akkadut wahda fuq l-ohra, u jallegaw ukoll kontributorjeta` anke da parti tal-attur. L-ewwel Qorti qalet illi l-attur ma kienx responsabbli ghall-incident, u illiberat ukoll minn kull htija lill-Korporazzjoni Enemalta peress li din inkarigat lil haddiehor iwettaq ix-xoghol u ma kellhiex x'taqsam mal-operazzjoni nfisha. L-ewwel Qorti sabet li s-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. responsabbli ghad-danni fi grad ta' zewg terzi peress li din naqset milli tipprovdi crane li kien fi stat tajjeb u funzjonabbli ghal

xoghol li kien mehtieg li jwettaq. Is-socjeta` White Brothers Ltd. instabet responsabbli fi grad ta’ terz peress illi hi kienet il-kuntrattur inkarigat bil-progett, u meta qabbdet lil Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. bhala subcontractors taghha, ma vverifikatx dwar il-funzjonabbilita` u certifikazzjoni tal-crane. Id-danni gew likwidati fis-somma ta’ €124,528.30; il-hlas gie ordnat li jsir b’mod solidali bejn is-socjetajiet konvenuti misjuba responsabbli.

Mis-sentenza appellaw il-konvenuti misjuba responsabbli ghall-incident, u appellaw incidentalment ukoll l-atturi. L-aggravji tas-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. huma relatati mas-sejba ta’ responsabbilita` fil-konfront taghha; hi tissottometti li ma tahtix ghall-incident, li piz akbar ghandu jintrefa’ mis-socjeta` White Brothers Ltd, u li l-Korporazzjoni Enemalta ghandha tidhol biex hi wkoll terfa’ parti mir-responsabbilita`. Hi tilmenta wkoll dwar il-*quantum* tad-danni kif likwidat mill-ewwel Qorti.

Is-socjeta` White Brothers Ltd. taqbel li hi ghandha titqies responsabbli fi grad ta’ terz, pero` ressqet aggravju marbut mal-ordni tal-Qorti li ipprefeggiet is-solidarjeta` fuq il-konvenuti li nstabu responsabbli ghad-danni.

L-atturi ressqu appell incidentali fejn qed jitolbu biex il-Korporazzjoni Enemalta tinzamm hi ukoll responsabbli ghall-incident, b’mod solidali maz-zewg konvenuti l-ohra.

Din il-Qorti sejra l-ewwel titratta l-aggravju marbut mar-responsabbilita` ta’ Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. Jirrizulta mill-provi li l-cable inqata’ peress li wahda mit-tliet sheaves li kellu l-crane inkisret; gie spjegat li biex sehh dan probabbli kien hemm assjem ta’ wear and tear kif ukoll overloading. Il-cable ma jidhirx li nqata’ <u>biss</u> minhabba f’hekk: jidher li l-cable tal-crane kien qed ihaxken mal-hadid tal-faccata tal-crane, u dan sehh ghax ikun qabez minn fuq sheave, u malli cable, li jkun tal-hadid, jibda’ jhaxken ma’ hadid, jinqata’. Il-cable, pero`, fi crane fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni, ma kellux jaqbez sheave; gara dak li gara ghax sheave inkisret u l-cable dahal bejn iz-zewg sheaves l-ohra u beda jhaxken ma’

hadid iehor, kif mhux suppost. Mhux il-kaz li l-crane per se ma kienx jiflah il-piz tat-transformer, izda li l-istess crane ma kienx fi stat li jopera dik it-tghabbija minhabba difetti fis-sheaves tal-crane. Il-crane kellu certifikat ta' "worthyness" li kien skada xahrejn u nofs qabel l-incident, u minkejja l-fatt li dan il-crane ma kienx certifikat ghall-uzu, xorta wahda intbaghat fuq il-lant tax-xoghol mis-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. Anke jekk, kif xehed Paul Polidano, il-crane sarlu service ftit qabel l-incident, jibqa' l-fatt li ma giex iccertifikat bhala tajjeb ghall-uzu, u ma sarlux "stress test" jew "risk assessment". Dan ghamluh wara l-incident, li allura ftit jista' jitfa' dawl fuq l-istat tax-sheave li nqasmet. Kien dmir ta' din is-socjeta`, qabel ma tibghat l-ingenji taghha ghax-xoghol, li tara li dawk l-ingenji jkunu "safe" u fi stat li jwettqu l-funzjoni li ghaliha kienu se jintuzaw. Appaltatur, jew sub-appaltatur bhal f'dan il-kaz, ghandu obbligu li jesegwixxi l-opra miftehma skont is-sengha u li jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol, u ghal dan il-fini hu obbligat jara li l-ingenji li juza huma tajba u funzjonabbli ghal dak l-iskop.

In-negligenza ma tirrizultax biss meta dak li jkun jaghmel xi haga bi traskuragni jew b'non curanza, izda wkoll meta dak li jkun jonqos milli jiehu l-kawteli opportuni u mehtiega fic-cirkostanzi. Il-htija, kif jghallem ir-Ricci ("Corso Teoretico-Pratico di Diritto Civile", Vol. VI p. 13):
"… … … non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in culpo pur anche quando ometto o trascuro di far cio` che avrei dovuto fare."

F'dan il-kaz, is-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. naqset li taccerta li ssir spezzjoni professjonali tal-imsemmi makkinarju bil-mira li jigi debitament certifikat li l-istess kien funzjonabbli u fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

Ix-xhud Paul Polidano, ghall-imsemmija socjeta`, jghid li l-cable inqata' meta gie mitlub, minn Jimmy Ciantar ta' White Brothers Ltd., biex idawwar il-crane u ghal xi raguni

li ma setghax jispjega, il-cable beda jigbed lagemba u faqqghet ix-sheave. Anke jekk l-incident gara hekk, xorta il-kumpanija Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. tibqa' responsabbli.

Dana peress illi jew il-crane, li suppost setgha jdur 360 degrees, ma kienx fi stat li jaghmel dik il-manuvra, jew min gie inkarigat joperah ma kienx kapaci li jwettaq dik il-manuvra. Paul Polidano, li kien qed jopera l-crane, u li jghid li hu bniedem tas-sengha, kellu jinjora dak li qallu Jimmy Ciantar jekk hass li kienet manuvra perikoluza; hu kien responsabbli mill-crane u hu kellu jara li ma jwettaqx manuvri azzardati li jistghu jikkagunaw hsara lill-crane u, per konsegwenza lil terzi. Mhix skuza, da parti ta' Paul Polidano, li hu ma kienx qed jara, bil-jib kollu miftuh, x'inhu jigri fit-tarf tal-crane, ghax hija r-responsabbilita` tal-kumpanija, jekk hu hekk, li tara li jkun hemm bniedem responsabbli li jsegwi x'ikun qed jigri. Jekk Paul Polidano *ma setax jara*, ma kellux jopera l-crane fl-ghama, u jekk strah fuq Jimmy Ciantar, imqabbad mis-socjeta` White Brothers Ltd., *imputet sibi* jekk dan ma kienx kapaci jew bniedem idoneju biex jiddiregieh.

Hu veru li l-attur mhux "impjegat" ta' din is-socjeta`, pero` din accettat li ufficcjali tal-Korporazzjoni Enemalta jkunu prezenti waqt l-operazzjoni, u allura, f'dawk il-mumenti, assumiet obbligu u dahlet f'rapport mal-attur biex thares l-inkoluminita` tieghu, u kellha d-dover, allura, li tara li twettaq l-operazzjoni b'mod li ma tkun ta' hsara ghal hadd li kien fuq il-post jaqdi d-doveri tieghu. Dan jghodd ukoll ghas-socjeta` White Brothers Ltd.

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza **Spiteri v. Malta Freeport Terminals Ltd et**, deciza fil-5 ta' Ottubru, 2007, ghamlet din l-osservazzjoni a propozitu:
"*Kif qalet il-Qorti fis-sentenza P.A. Benjamin Sammut v. Meli Bugeja Co. Ltd 10/7/2006 ir-responsabbilita` ghal incidenti fuq il-post tax-xoghol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn haddiem u min ihaddmu. Meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol, dan ghandu dmir illi jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew,*

*ghallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l-ambjent. Il-kriterju ghalhekk, huwa jekk il-post tax-xoghol huwiex taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol.*"

Dan hu principju li kien gie enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza **Mallia v. Cortis noe**, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1996.

Fil-kuntest ta' din il-kawza, darba li l-lant tax-xoghol kien taht il-kontroll ta' White Brothers Ltd. u Polidano Service Station and Plant Hire Ltd., dawn assumew l-obbigu li, kull min kien hemm in konnessjoni mal-progett, ikun hieles min kull periklu.

Hi, ghalhekk, konkluzjoni ta' din il-Qorti li l-aggravju tas-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. marbut mar-responsabbilita` taghha ghall-incident, ghandu jigi michud.

Il-Qorti sejra issa tidhol biex tezamina ir-responsabbilita` o meno tal-Korporazzjoni Enemalta. Hu ikkontestat li din il-Korporazzjoni ma kienetx involuta b'mod dirett fit-twettiq tal-appalt pero` inkarigat lill-haddiema taghha biex ikunu fuq is-sit u jsegwu l-operazzjoni mill-vicin biex jaraw li l-progett jitwettaq sewwa u bla hsara lit-transformer. Hu fatt li l-attur kien impjegat ta' din il-Korporazzjoni u intbaghat fejn kellu jsir it-tqeghid tat-transformer mill-istess Korporazzjoni.

Din il-Qorti, fil-kawza **Fenech et v. Chairman tal-Malta Drydocks et**, deciza fit-3 ta' Dicembru, 2010, ghamlet dawn l-osservazzjonijiet dwar ir-responsabbilita` ta' min ihaddem lejn l-impjegati tieghu:

"*Dwar in-natura tad-dmir impost fuq min ihaddem, il-Qrati taghna ripetutament jinsistu fuq id-dmir ta' min ihaddem li jipprovdi 'a safe place of work', izda rari kienu jidhlu fil-kwistjoni jekk in-nuqqas ta' min ihaddem li hekk jipprovdi jkunx agir bi ksur ta' obbligu kontrattwali jew agir delitwali. Li hu zgur hu li l-Qrati dejjem jitkellmu fuq 'doveri' u 'obbligazzjonijiet' ta' min ihaddem, bhalikieku fuq dan hemm rabta kuntrattwali mal-haddiem li jipprotegieh. Fil-*

*kawza* ***Sultana v. Spiteri****, deciza mill-allura Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Mejju 1979, gie osservat li min ihaddem ghandu d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragjonevoli ta' sigurezza ghal min ikun qed jahdem, obbligu specifiku u determinat li donnu johrog mill-isfera tal-kuncett ta' neminem laedere, involut fir-responsabbilta` taht delitt u kwazi-delitt. Il-Qrati taghna espandew fuq dan l-obbligu ta' min ihaddem, u jinsistu fuq id-dover tieghu li jipprovdi attrezzi u makkinarju sikur, post tax-xoghol nadif u hieles minn perikolu, stharrig u supervizjoni tal-haddiema, manutenzjoni regolari fuq kull bicca magna, u diversi obbligi relatati marbuta man-natura tax-xoghol (ara, per ezempju, il-kawza* ***Galea v. Meilaq noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Gunju 2007). Intqal ukoll li huwa dmir ta' min ihaddem "to provide a safe system of work, and that in planning a system of work, the employee must take into account the fact that workmen become careless about risks involved in their daily work" –* ***Borg v. Wells noe****, deciza mill-allura Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru 1981. Minn dan jidher li malli jigi iffirmat kuntratt ta' impieg bejn min ihaddem u l-haddiem, jitwieled f'tal-ewwel obbligu li jiehu hsieb l-inkolumita tal-haddiem, b'mod li dan l-obbligu jista' jitqies bhala parti mit-termini tal-istess kuntratt.*"

Dan ifisser li hu dmir ta' min ihaddem li jara li l-post fejn dan ikun qed jahdem ikun sikur, u li l-ingenji jkunu tali li ma jkunux ta' periklu ghall-istess haddiema tieghu. Hu daqstant importanti, fil-kuntest ta' din ir-responsabbilita`, li min ihaddem jara li l-<u>ambjent kollu</u> fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab il-possibbilita` ta' infortunji fuq ix-xoghol (ara **Bugeja v. Montanaro Gauci** deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju, 2004), u li qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, jaghmel ezami jew spezzjoni minn qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed "safe" (ara **Gauci v. Korporazzjoni Enemalta**, deciza mill-Prim' Awla fl-10 ta' Ottubru, 2006).

Kif issenjalaw l-atturi fl-appell incidentali taghhom, li tipprovdi "a safe system of work" jestendi wkoll ghal dak ix-xenarju fejn il-haddiem jintbghat jahdem fuq sit li ma jkunx dak tal-imghallem tieghu (kif kien il-kaz meritu tal-

kawza **Scicluna v. T.N. Waterproofing Ltd.**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' April, 2007). L-atturi ghamlu referenza ghall-ktieb **Charlesworth & Percy on Negligence** (10th Ediz. p. 698) fejn, f'dan il-kuntest, jaffermaw illi:
"*Despite initial doubts it has been firmly established by the House of Lords that the general duty of an employer to his employee to take reasonable care for his safety does not come to an end merely because the workman has been sent to work at premises which are occupied by a third party and not by the employer. The duty remains throughout the whole of the course of his employment. What will vary in each case is the degree of care to be taken by the employer: The duty is there, whether the premises on which the workman is employed are in the occupation of the master or of a third party; but what reasonable care demands in each case will no doubt vary.*"

Din il-Qorti taqbel ma' dawn il-principji, u tara li, f'dan il-kaz, il-Korporazzjoni naqset mid-doveri taghha lejn l-attur. Din il-Qorti tirribadixxi li hi mhux qed tghid li hawn ninsabu fil-kamp ta' "*strict liability*", kif donnha qed timplika l-Korporazzjoni Enemalta dwar it-tezi tal-atturi, ghax il-prova tan-ness trid issir, daskemm irid jirrizulta ksur tal-obbligu ta' min ihaddem li jipprovdi "*a safe system of work*", pero`, dan il-principju jitfa' fuq min ihaddem "*a high standard of care*".

F'dan il-kaz, jirrizulta li l-Korporazzjoni Enemalta ma ghamlet ebda forma ta' spezzjoni tal-ambjent fejn kellu jsir ix-xoghol, u ma tat ebda istruzzjoni lill-haddiema taghha fejn ghandhom ikunu u jpoggu lilhom infushom waqt l-esekuzzjoni tal-progett. Il-haddiema tal-Korporazzjoni ma kellhomx ikunu fl-akwati meta kien qed jigi mgholli t-transformer, u l-istess Korporazzjoni hadet riskju meta ppermettiet li, fl-ahhar fazi tal-operazzjoni, il-haddiema taghha jersqu lejn il-kamra fejn kienet qed titwettaq l-operazzjoni minn terzi. Min ihaddem ghandu l-obbligu u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata, b'nies imharrga ghal dan il-ghan, sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal kwalunkwe forma ta' incidenti li

jippregudikaw is-sahha tal-impjegati tieghu u kif inhu mghallem, "*the duty is owed to each individual servant individually*".

Apparti dan, il-Korporazzjoni Enemalta ma hadet ebda passi biex tassigura li kull makkinarju li kien ser jintuza <u>kellu</u> jkun certifikat u jkun materjalment idoneju. Ma kienx bizzejjed ghal din il-Korporazzjoni li tforni lill-impjegati taghha b'ilbies tas-safety, izda kellha tassigura li dawn l-impjegati ma jkunux fi prezenza ta' makkinarju difettuz u mhux certifikat ghall-uzu.

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, hemm ragunijiet ohra ghala l-Korporazzjoni Enemalta ghandha tinzamm responsabbli. Hawn, il-Qorti sejra tirreferi ghas-sentenza moghtija fil-kawza **Ordway v. Sutherland**, fis-6 ta' Ottubru, 2006, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (kawza deciza fil-meritu mill-istess Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2007). F'dik il-kawza, l-attur talab kumpens ghall-griehi li sofra meta, waqt li kien fuq xoghol gewwa l-Libja, mibghut mill-employer tieghu, wegga' meta kien qed jigi misjuq ghall-iskop tal-hidma tieghu. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda t-trasport tal-haddiema taghha fil-qadi ta' dmirijiethom fil-Libja, il-kumpanija konvenuta ma haditx hsieb hi izda ghamlet "arrangament" mas-socjeta` Hyundai u l-incident mertu tal-kaz gara waqt li l-attur kien qed jigi trasportat, fil-hin tax-xoghol, u waqt il-qadi ta' dmirijietu, b'mezz ta' transport u sewwieq provdut mill-kumpanija Hyundai. Minhabba f'dan, il-kumpanija konvenuta eccepiet illi hi ma hix responsabbli ghall-incident *de quo* u allura m'ghandhiex tirrispondi ghad-danni sofferti mill-attur peress illi ma hix responsabbli ghall-azzjonijiet tas-sewwieq tal-karozza li kien passiggier fiha l-attur.

Il-Qorti, pero`, xorta wahda qieset responsabbli lill-employer tal-attur wara li qieset, fost cirkostanzi ohra, illi:
"(*a*) *F'kull hin tal-impjieg tieghu, l-attur dejjem baqa' legalment jaqa' taht ir-responsabbilita` diretta tas-socjeta` konvenuta. Bhala impjegat, f'ebda hin ma ghadda taht ir-responsabbilita` legali ta' xi hadd iehor.*

"*(b)* <u>*F'ebda hin ma kien misluf lil xi hadd iehor*</u>*.*

"*(c) Ghalkemm, fir-rigward tat-trasport, l-attur kien jiddependi fuq il-mezzi li kienet tipprovdi l-kumpanija Hyundai, skont l-arrangament ezistenti mal-kumpanija konvenuta, dan il-fatt ma jwassalx ghat-trasferiment ta' responsabbilitajiet legali minn fuq is-socjeta` konvenuta ghal fuq is-socjeta` Hyundai.*"

Anke ghall-fini ta' din il-kawza, jsegwi li fil-hin tal-incident l-attur kien ghadu jaqa' kompletament u primarjament taht ir-responsabbilita` tal-employer tieghu, cioe`, il-Korporazzjoni Enemalta, u din kienet ghalhekk tenuta li tosserva u tadempixxi d-doveri kollha li l-ligi timponi fuq min ihaddem fir-rigward tal-impjegati tieghu. F'ebda hin ma jista' jinghad li din il-Korporazzjoni giet ezonerata mid-doveri legali taghha fil-konfront tal-haddiema.

Dik il-Qorti strahet ukoll fuq sentenza ohra tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-31 ta' Mejju, 1999, fil-kawza **Caruana v. Cacopardo noe et** fejn gie ritenut illi l-obbligu tal-principal li jhares is-sahha u s-sigurta` tal-impjegati tieghu certament ma jispiccax fil-mument illi dawn il-haddiema gew mislufa lil xi terzi (li mhux il-kaz f'din il-kawza) jew li jkunu qeghdin jaghmlu xi xoghol gewwa post ta' terzi. Dik il-Qorti ghamlet dawn l-osservazzjonijiet a propozitu:
"*Fil-fehma tal-Qort, l-obbligu tas-socjeta` konvenuta 'Kalaxlokk' li thares is-sahha u s-sigurta` tal-impjegati taghha certament li ma spiccax fil-mument illi dawn il-haddiem gew mislufa lill-kuntratturi privati. L-argument tas-socjeta` 'Kalaxlokk' illi hija hadet hsieb li tislef dawn l-impjegati lill-kuntratturi bhas-socjeta` konvenuta l-ohra 'Carmelo Micallef Contractors Limited' ghandu jinghata certu konsiderazzjoni izda dan il-fatt wahdu ma jfissirx illi s-socjeta` 'Kalaxlokk' kienet ezenti mill-obbligu li thares is-sahha u s-sigurta` tal-haddiema taghha'… … …*

*'… … … L-attur isostni tajjeb illi z-zewg socjetajiet konvenuti kellhom ir-responsabbilita` li jharsu s-sahha u s-sigurta` tal-impjegati fuq il-post tax-xoghol. Isostni tajjeb ukoll, illi dawn iz-zewg responsabbilitajiet ma kinux supplimentari. L-attur isostni wkoll illi dawn iz-zewg*

*responsabbilitajiet kienu kumulattivi u ghalhekk iz-zewg socjetajiet konvenuti kienu responsabbli solidalment bejniethom… … …*"

Kwindi, l-appell incidentali tal-atturi sejjer jigi milqugh u l-Korporazzjoni Enemalta sejra hi ukoll tinzamm responsabbli ghall-akkadut.

L-ahhar paragrafu tal-kwotazzjoni li ghadha kemm ghamlet din il-Qorti, ixxejjen l-aggravju tas-socjeta` White Brothers Ltd. dwar is-solidarjeta`. Kif inghad, din is-socjeta` ressqet aggravju limitatament fuq il-kap tas-sentenza appellata li bih hi giet ikkundannata solidalment mas-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. ghall-hlas tad-danni. Din il-Qorti, anzi, izzid li anke l-Korporazzjoni Enemalta ghandha tinzamm responsabbli in solidum ghal dak li gara. Hu ovvju, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-obbligazzjoni in kwistjoni hija ta' natura kummercjali, zgur ghat-tliet kovenuti. Ir-responsabbilita` ta' danni hija wahda kommulattiva ghax ilkoll naqsu mill-obbligi taghhom li jharsu l-inkolumita` tal-attur. Fit-termini tal-Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc, sakemm ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, id-diversi debituri huma obligati in solidum.

Anke jekk jista' jinghad li l-obligazzjoni mhix wahda kummercjali ghall-partijiet kollha fil-kawza, jinsab statwit mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana (sentenza numru 13039 tal-4 ta' Dicembru, 1991) illi:
"*in tema di responsabbilita` risarcitoria, contrattuale ed extra-contrattuale, se l'unico evento dannoso e` imputabile a piu` persone, e` sufficiente, al fine di ritenere la solidarieta` di tutte nell' obbligo di risarcimento, che le azioni e le omissioni di ciascuno abbiano concorso in modo efficiente a produrre l'evento, a nulla rilevando che costituiscono autonomi e distinti fatti illeciti, o violazioni di norme giuridiche diverse*".

F'dan il-kaz, l-event dannuz kien wiehed li ghalih ippartecipaw it-tliet konvenuti.

Ghar-rigward tal-ilment li l-ewwel Qorti marret ultra petita meta addottat ir-regola tas-solidarjeta`, din il-Qorti tirreferi ghal dak li osservat din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Xuereb v. Cardona**, deciza fit-12 ta' Dicembru, 2008, fis-sens illi:
"Kuntrarjament ghal dak dedott mill-appellanti, ma tezisti ebda "ultra petizzjoni" ghaliex l-atturi appellanti talbu bl-Avviz taghhom il-kundanna solidali tal-konvenuti. Ankorke ma kienx hemm talba bhal din, il-Qorti setghet dejjem, fl-impossibbilita` li tirrikonoxxi f'liema mizura kull wiehed mill-konvenuti jkun ippartecipa fl-effettwazzjoni tal-fatt dannuz, tqishom responsabbli solidalment, "ukoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozamnet" [Artikolu 1051 (1), Kodici Civili; **Michael Cini v. Joseph Carabott et**, Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Jannar, 1965]. Fil-kaz in ezami l-event dannuz huwa askrivibbli lit-tliet konvenuti flimkien u din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti li tikkundannahom solidalment. Anke, allura, dan l-ahhar aggravju ma jistax jitqies sostenibbli."

(Sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk, din il-Qorti, filwaqt li ghall-pratticita` u solament fir-rapport interni tal-konvenuti, taqsam ir-responsabbilita fi grad ta' terz ghal kull parti, fil-konfront tal-atturi, ir-responsabbilita` ghall-hlas tad-danni se tkun solidali, u dana peress li kif jghid il-gurista Consolo ("Trattato sul Risarcimento del Danno in Materia di Delitti e Quasi Delitti" pagna 292), principju li japplika anke f'kaz ta' kondebituri ta' obbligazzjoni kontrattwali:
"*… … … e` principio costantemente ritenuto dalla dottrina e dalla giurisprudenza che il grado di responsabbilita` diverso fra piu` condannati per lo stesso reato, nessuna influenza possa esercitare sulla solidarieta` colla quale debbono respondere pel risarcimento del danno.*"

Fl-istess sens hija d-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Jannar, 1958, fil-kawza fl-ismijiet **Abela v. Bonnici et**.

Kwindi l-aggravji relattivi tas-socjeta` White Brothers Ltd. qed jigu michuda.

Din il-Qorti ma tarax, la li ghandha titfa’ xi responsabbilita` fuq l-attur, u lanqas li ghandha titfa’ xi piz aktar gravi fuq xi wiehed jew aktar mill-konvenuti. Dwar l-attur, jirrizulta li dan ma ppartecipax fl-operazzjoni, u ma ta ebda istruzzjonijiet dwar l-operat tal-crane; hu kellu jara li ma ssirx hsara lit-transformer u lill-kamra fejn kellu jitpogga. Hu kien liebes l-apparat tas-safety kollu, u hadd ma qallu li ma kellux ikun fejn kien waqt l-operazzjoni innifisha. Hu segwa l-istruzzjonijiet tal-Korporazzjoni Enemalta, u mar biex isegwi l-andament tal-operazzjoni. Sfortunatament, sab ruhu “*at the wrong place at the wrong time*”.

Dwar l-ispartizzjoni ta’ responsabbilita`, ghall-fini tar-relazzjoni interna tal-konvenuti, din il-Qorti tara li peress li t-tlieta li huma, min mod u min iehor, naqsu mill-obbligi taghhom lejn l-attur, u peress li ma tistax tiddetermina bil-preciz il-grad ta’ responsabbilita` ta’ kull wahda minnhom, ikun gust u ekwu li din tigi spartita f’ishma ndaqs.

Ghar-rigward tal-ilment ta’ Polidano Service Station and Plant Hire Ltd. fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, u cioe` li t-tnaqqis minhabba hlas f’daqqa (“*lump sum deduction*”) kellu jkun ta’ 15% u mhux ta’ 10%, din il-Qorti tirrileva li, fil-waqt li hu minnu li l-atturi kienu originarjament issuggerew tnaqqis ta’ 15%, issa li ghaddew hdax-il sena mill-akkadut ma tarax li ghandha tvarja l-kalkolu tal-ewwel Qorti u, kwindi, qed tikkonferma l-istess.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli kemm tas-socjeta` White Brothers Ltd., kif ukoll tas-socjeta` Polidano Service Station and Plant Hire Ltd., billi tichad iz-zewg appelli; tilqa’ l-appell incidentali tal-atturi u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li tiddikjara lit-<u>tliet konvenuti</u> (Korporazzjoni Enemalta, White Brothers Ltd. u Polidano Service Station and Plant Hire Ltd.) responsabbli flimkien u in solidum ghad-danni li garrab l-attur fl-incident in kwistjoni, u tikkundanna lill-istess tliet konvenuti flimkien u in solidum ihallsu lill-atturi

is-somma kif likwidata mill-ewwel Qorti in linea ta' danni – bl-imghax legali mit-13 ta' Lulju, 2009 data tal-ewwel sentenza, sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kollha tal-kawza, kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' din it-tieni istanza, ikunu a karigu tat-tliet konvenuti flimkien u in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------